

QORTI TAL-PRIM' ISTANZA

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-10 ta' Ġunju 2008
— Ceuninck vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-282/03) ⁽¹⁾

(“*Servizz pubbliku — Uffiċjali — Ħatra — Post ta' konsulent fi ħdan l-OLAF — Ċaħda tal-kandidatura — Kompetenza tad-Direttur Ġenerali ta' l-OLAF — Legalità ta' l-avviż ta' post vakanti — Ksur tar-regoli ta' ħatra ta' uffiċjali fil-grad A4 u A5 — Abbuż ta' poter — Żball manifest ta' evalwazzjoni*”)

(2008/C 183/36)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Paul Ceuninck (Hertsberge, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment G. Vandersanden u A. Finchelstein, wara G. Vandersanden u L. Levi, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: V. Joris u C. Berardis-Kayser, aġenti)

Suġġett

Minn naħa, talba għall-annullament ta' l-avviż ta' post vakanti COM/051/02 u tal-proċedura ta' għażla kollha li saret wara dan l-avviż, u, min-naħa l-oħra, talba għall-annullament tad-deċiżjoni ta' ħatra tas-Sinjura S., meħuda mill-Awtorità tal-Ħatra, tat-13 ta' Settembru 2002 u tad-deċiżjoni impliċita ta' ċaħda tal-kandidatura tar-rikorrent.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Paul Ceuninck u l-Kummissjoni għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 251, 18.3.2003.

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-10 ta' Ġunju 2008
— Marcuccio vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-18/04) ⁽¹⁾

(“*Sigurtà soċjali — Talba għall-assunzjoni tar-responsabbiltà għall-ispejjeż mediċi — Ċaħda impliċita tat-talba*”)

(2008/C 183/37)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentanti: inizjalment A. Distanto, imbagħad G. Cipressa, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u J. Curral, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

Suġġett

Fl-ewwel lok, talba għall-annullament tad-deċiżjoni impliċita ta' l-Awtorità tal-Ħatra li ċaħdet it-talba tar-rikorrent tal-25 ta' Novembru 2002, ippreżentata sabiex jikseb ir-rimborż ta' 100 % ta' l-ispejjeż mediċi skond l-Artikolu 72 tar-Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, fit-tieni lok, talba għall-annullament tad-deċiżjoni impliċita ta' ċaħda ta' l-ilment tar-rikorrent kontra ċ-ċaħda tat-talba tal-25 ta' Novembru 2002, fit-tielet lok, talba sabiex jiġi kkonstatat id-dritt tar-rikorrent, skond l-Artikolu 72 tar-Regolamenti tal-Persunal, għar-rimborż ta' 100 % ta' l-ispejjeż mediċi li saru biex jikkura l-patoloġji li jsofri minnhom u, fir-raba' lok, talba sabiex il-Kummissjoni tiġi kkundannata tħallas 100 % ta' dawn l-ispejjeż mediċi.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni impliċita ta' ċaħda tat-talba tal-25 ta' Novembru 2002 hija annullata.
- 2) Ir-rikors, fuq il-bqija, huwa miċħud.
- 3) Il-Kummissjoni hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 71, 20.3.2004.